

DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 135/2009

tal-4 ta' Diċembru 2009

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 28/2009 tas-17 ta' Marzu 2009 (¹).
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/85/KE tal-5 ta' Settembru 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-thiabendazole bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha (²) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/86/KE tal-5 ta' Settembru 2008 li temenda d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex tinkludi l-thiabendazole bħala sustanza attiva fl-Anness I għaliha (³) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/763/KE tad-29 ta' Settembru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbi l-konsumaturi finali (⁴) għandha tiġi inkorporata f'dan il-ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XV tal-Anness II għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jinżdied fil-punt 12n (id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“— **32008 L 0085**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/85/KE tal-5 ta' Settembru 2008 (ĠU L 239, tas-6.9.2008, p. 6),

— **32008 L 0086**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/86/KE tal-5 ta' Serttembru 2008 (ĠU L 239, tas-6.9.2008, p. 9).”

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 12zg (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/423/KE):

“12zh. **32008 D 0763**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/763/KE tad-29 ta' Settembru 2008 li tistabbilixxi, skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-bejgħ annwali ta' batteriji u akkumulaturi portabbi l-konsumaturi finali għandha tiġi inkorporata f'dan il-ftehim (ĠU L 262, 1.10.2008, p. 39).”

(¹) ĠU L 130, 28.5.2009, p. 21.

(²) ĠU L 239, 6.9.2008, p. 6.

(³) ĠU L 239, 6.9.2008, p. 9.

(⁴) ĠU L 262, 1.10.2008, p. 39.

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2008/85/KE u 2008/86/KE u d-Deċiżjoni 2008/763/KE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li se jkunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi nhar il-5 ta' Diċembru 2009, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tīgi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kumitat Kongġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ġtiġiġiet kostituzzjonali.